



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 20 ta' Ġunju 2012 (27.06)
(OR. en)**

11695/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0161 (NLE)**

**EEE 83
ENV 567**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	20 ta' Ġunju 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 333 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 333 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.6.2012
COM(2012) 333 final

2012/0161 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea
fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE
dwar emenda għall-Anness XX
(Ambjent)
tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġi żgurat ir-rekwiżit taċ-ċertezza legali u l-omoġenità tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-UE fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċizzjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jinkorpora d-Direttiva 2009/29/KE tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex ittejjeb u testendi l-iskema tal-iskambju tal-emissjonijiet tal-UE (EU ETS). Hija għandha l-għan li tinkorpora, ukoll, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar iż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkant tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra skont id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema ta' kummerċ fi ħdan l-UE fi kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 1210/2011 tat-23 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 partikolarment biex jiġi ddeterminat il-volum tal-kwoti ta' emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra għall-irkant qabel l-2013, kif ukoll atti oħra tal-Kummissjoni adottati skont id-Direttiva 2003/87/KE jew li jemendaw atti preċedenti tal-Kummissjoni fl-istess qasam.

L-Istati taż-ŻEE u l-EFTA pparteċipaw fl-EU ETS mill-2008, wara l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fil-Ftehim taż-ŻEE. B'konformità mal-prinċipju tal-omoġenità li jirfed iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-atti intenzjonati biex jirrevedu jew biex jimplimentaw l-EU ETS għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE.

L-adattazzjonijiet proposti min-naħa tal-EFTA huma minħabba l-estensjoni tal-EU ETS lejn l-Istati tal-EFTA. Dawn jikkonċernaw id-Direttiva 2003/87/KE, kif emendata mid-Direttiva 2009/29/KE u r-Regolament (UE) Nru 1031/2010.

Numru kbir ta' adattamenti inklużi fl-abbozz attwali tal-JCD huma diġà provveduti fl-Anness XX għall-Ftehim taż-ŻEE, b'relazzjoni mad-Direttiva 2003/87/KE. Il-kliem użat għall-addattamenti ġie rivedut għal skopijiet ta' simplifikazzjoni.

Barra minn hekk, in-naħa tal-EFTA tipproponi adattament immirat biex is-sehem tal-kwoti tal-Islanda jiġu rkantati (ara l-Artikolu 1, punt 2, ittra (l) tal-abbozz tal-JCD).

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li huwa l-Kunsill li jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni dwar tali Deċizzjonijiet, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE lill-Kunsill biex jadottaha bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah lill-Komitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
dwar emenda għall-Anness XX
(Ambjent)
tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness XX tal-Ftehim taż-ŻEE.
- (3) L-Anness XX tal-Ftehim taż-ŻEE fiħ dispożizzjonijiet u arranġamenti dwar l-ambjent.
- (4) Huwa xieraq li tiġi inkorporata d-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex ittejjeb u testendi l-iskema tal-Unjoni Ewropea tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra³, fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (5) Hu xieraq li jiġi inkorporat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar iż-żmien, l-amministrazzjoni u l-aspetti l-oħra tal-irkant tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema ta' skambju fi ħdan il-Komunità fi kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra⁴, kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 1210/2011 tat-23 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 partikolarment biex jiġi ddeterminat il-volum tal-kwoti ta' emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra għall-irkant qabel l-2013⁵, fil-ftehim taż-ŻEE, kif ukoll atti oħra tal-Kummissjoni adottati skont id-Direttiva 2003/87/KE.
- (6) Ċerti adattamenti għandhom ikunu provveduti b'rabta mad-Direttiva 2003/87/KE, kif emendata mid-Direttiva 2009/29/KE u r-Regolament (UE) Nru 1031/2010; dawn huma ġġustifikati permezz tal-estensjoni tal-iskema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-Istati taż-ŻEE tal-EFTA.
- (7) Għalhekk, l-Anness XX ta' ma-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

³ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63.

⁴ ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1.

⁵ ĠU L 308, 24.11.2011, p. 2.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-Kumitat li hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jistgħu jaqblu fuq tibdil minuri għall-abbozz tad-Deċiżjoni mingħajr ma jistennew deċiżjoni mingħand il-Kunsill.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu [...]

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta '

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta'....¹.
- (2) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar iż-żmien, l-amministrazzjoni u l-aspetti l-oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-Komunità² għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 550/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ċerti restrizzjonijiet applikabbli għall-użu ta' krediti internazzjonali minn proġetti li jinvolvu gassijiet industrijali³ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1210/2011 tat-23 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010, b'mod partikolari, sabiex jiġi ddeterminat il-volum ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li għandhom jiġu rkantati qabel l-2013⁴ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (5) Id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra⁵, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/2/UE tal-24 ta' Diċembru 2009 li tiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lista ta' setturi u

¹ ĠU L ...

² ĠU L 302, 18.11.2010, p.1.

³ ĠU L 149, 8.6.2011, p. 1.

⁴ ĠU L 308, 24.11.2011, p. 2.

⁵ ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63.

subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju⁶, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/345/UE tat-8 ta' Ġunju 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2007/589/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' linji gwida dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett tas-serra mill-qbid, mill-ġarr u mill-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju⁷ (CO₂) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE tat-3 ta' Novembru 2010 li tistabbilixxi l-kriterji u l-miżuri għall-finanzjament ta' proġetti kummerċjali ta' dimostrazzjoni li l-għan tagħhom huwa l-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ta' CO₂, f'kundizzjonijiet ta' sigurtà għall-ambjent, kif ukoll ta' proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, fl-ambitu tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim
- (9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżizzjonali li japplikaw fl-UE kollha għal allokkazzjoni b'xejn u armonizzata tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/540/KE tat-18 ta' Awwissu 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2007/589/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' linji gwida dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn attivitajiet ġodda u gassijiet¹⁰ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/745/UE tal-11 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjonijiet 2010/2/UE u 2011/278/UE rigward setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju¹¹ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (12) Din id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ma taffettwax l-awtonomija tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tan-negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, partikolarment fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Protokoll ta' Kyoto jew kwalunkwe ftehim ieħor internazzjonali dwar il-bidla fil-klima, għajr fir-rigward ta' aspetti rilevanti għall-iskema tal-iskambju tal-Emissjonijiet tal-UE (EU ETS) li huma inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE. Madanakollu, l-Istati tal-EFTA għandhom debitament jikkunsidraw l-obbligi li jkunu ġarrew fuqhom fil-Ftehim taż-ŻEE. Kull Stat tal-EFTA hu responsabbli biex jimplimenta l-politiki u l-miżuri biex ikun konformi mal-impenji internazzjonali skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Protokoll ta' Kyoto u kwalunkwe ftehim ieħor internazzjonali relatati mat-tibdil fil-klima.

⁶ ĠU L 1, 5.1.2010, p. 10.

⁷ ĠU L 155, 22.6.2010, p. 34.

⁸ ĠU L 290, 6.11.2010, p. 39.

⁹ ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1.

¹⁰ ĠU L 244, 21.9.2011, p. 1.

¹¹ ĠU L 299, 17.11.2011, p. 9.

- (13) Il-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-EU ETS hija mingħajr ħsara għall-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fi kwalunkwe strument flessibbli biex jittaffew l-emissjonijiet.
- (14) L-estensjoni tal-iskema għall-installazzjonijiet fl-Istati tal-EFTA timplika żieda tal-kwantità totali tal-kwoti fl-EU ETS bħala entità sħiħa taħt l-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-Istati tal-EFTA jipprovdu iċ-ċifri rilevanti fil-Parti A tal-Appendiċi tad-Direttiva, sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tiddetermina l-medja tal-kwantità annwali ta' kwoti fiż-ŻEE.
- (15) Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Istati tal-EFTA informati dwar in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi kif imsemmi fl-Artikolu 11a tad-Direttiva 2003/87/KE u l-konsegwenza li dan jista' jkollu fuq l-użu tat-Tnaqqis Iċċerifikat tal-Emissjonijiet (CERs).
- (16) Meta jkun konkluż ftehim skont l-Artikoli 11a u 25 tad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati tal-EFTA u l-operaturi tagħhom mhux se jkun hemm diskriminazzjoni kontriho meta mqabbla mal-Istati Membri tal-UE u l-operaturi tagħhom.
- (17) Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Istati tal-EFTA informati dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 24a(1) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-konsegwenza li dan jista' jkollu fuq l-ammont ta' kwoti fl-EU ETS.
- (18) L-Istati tal-EFTA jappoġġjaw bis-sħiħ li l-ammont ta' kwoti allokat permezz tal-irkantar qed jiżdied fl-EU ETS, bil-ħsieb li tintlaħaq sitwazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda allokkazzjoni b'xejn fl-2027. Dejjem kien l-għan tal-Istati EFTA li jiżdied il-persentaġġ ta' kwoti li huma allokat bi ħlas. L-Istati tal-EFTA jfakkru fl-adattament (e) kif stipulat fl-Artikolu 1 punt 2 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 146/2007¹² li tinkorpora d-Direttiva 2003/87/KE fil-Ftehim.
- (19) L-Istati tal-EFTA se jużaw il-pjattaformi komuni tal-irkant stabbiliti skont l-Artikolu 26 tar-Regolament 1031/2010 u jaħtru s-sorveljatur tal-irkant magħżul skont l-Artikolu 24 ta' dak ir-Regolament għas-sorveljar tal-irkant tal-kwoti tagħhom. Minħabba l-fatt li l-Istati tal-EFTA mhumie x jipparteċipaw fl-azzjoni konġunta, dawn m'għandhomx għalfejn jissodisfaw xi kompiti speċifiċi fil-proċeduri tal-akkwisti għall-appuntar tal-pjattaformi komuni tal-irkant u sorveljatur tal-irkant. Ladarba dawn jiġu maħtura, kull Stat tal-EFTA se juża l-aħjar sforzi tiegħu biex jidħol f'kuntratt magħhom. Safejn ikun fattibbli, il-Kummissjoni se tara li l-pjattaformi tal-irkant jidħlu f'kuntratt mal-Istati tal-EFTA suġġett, *mutatis mutandis*, għall-istess kundizzjonijiet maħsuba għall-Istati Membri parteċipanti tal-UE fil-kuntratti li jirriżultaw mill-proċeduri konġunti tal-akkwisti, sakemm l-Istati tal-EFTA jaggregaw l-irkant tal-kwoti tagħhom mal-kwoti tal-Istati Membri parteċipanti. Safejn hu fattibbli, fir-rigward tas-sorveljatur tal-irkant il-Kummissjoni se tara li s-sorveljatur tal-irkant jidħol f'kuntratt mal-Istati tal-EFTA suġġett, *mutatis mutandis*, għall-istess kundizzjonijiet maħsuba għall-Istati Membri parteċipanti tal-UE li jirriżultaw mill-proċeduri konġunti tal-akkwisti, sakemm l-Istati tal-EFTA jagħżlu li jaggregaw l-irkant tal-kwoti tagħhom mal-kwoti tal-Istati Membri parteċipanti.

¹² ĠU L 100, 10.4.2008, p. 92.

- (20) Kwistjonijiet baġitarji mhumix parti mill-Ftehim. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati tal-EFTA lill-Istati Membri tal-UE huma nnegozjati permezz tal-Mekkaniżmi Finanzjarji taż-ŻEE. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE rigward dawn il-kwistjonijiet u l-applikazzjoni tal-kriterji għad-distribuzzjoni fost ċerti Stati Membri tal-UE ta' ċertu perċentwali tal-kwantità totali tal-kwoti li jkunu se jiġu rkantati skont l-Artikolu 10(2)(b) u (c) u l-Annessi IIa u IIb tad-Direttiva 2003/87/KE għalhekk hija mingħajr ħsara għall-ambitu tal-Ftehim.
- (21) L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ser tikkordina mill-qrib mal-Kummissjoni kull meta tissejjaħ biex twettaq kompiti marbuta mal-Istati tal-EFTA li għalihom tkun responsabbli l-Kummissjoni fir-rigward tal-Istati Membri tal-UE skont id-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament (KE) Nru 2216/2004, id-Deċizzjoni 2007/589/KE u d-Deċizzjoni 2006/780/KE. Dawn il-kompiti jinkludu fost oħrajn il-valutazzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali msemmija fl-Artikolu 11 u kwalunkwe applikazzjoni għall-inklużjoni unilaterali ta' attivitajiet u gassijiet addizzjonali skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XX ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 21a (id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

‘- **32009 L 0029**: Id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 63).’
2. L-adattazzjonijiet fil-punt 21a (id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

'Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

 - (a) Bla ħsara għall-iżviluppi futuri mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, għandu jiġi nnutat li l-atti li ġejjin tal-Komunità mhumix inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE:
 - (i) Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-tweqqif konġunt tal-obbligi tiegħu¹³,
 - (ii) Id-Deċizzjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto¹⁴.

¹³ ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1.

¹⁴ ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.

- (b) Fiż-żmien tal-inkorporazzjoni tad-Direttiva, il-Liechtenstein m'għandu ebda attivitajiet ta' avjazzjoni kif definiti fid-Direttiva operati fit-territorju tiegħu. Il-Liechtenstein ser jikkonforma mad-Direttiva meta attivitajiet tal-avjazzjoni rilevanti jseħħu fit-territorju tiegħu.

- (c) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jizzied fl-Artikolu 3c(4):

"Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim u fuq il-bażi taċ-ċifri provduti mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA f'kooperazzjoni mal-Eurocontrol, jiddeċiedi dwar emissjonijiet storiċi tal-avjazzjoni madwar iż-ŻEE billi jżid in-numri rilevanti rigward titjiriet fi ħdan u bejn it-territorji tal-Istati tal-EFTA u titjiriet bejn l-Istati tal-EFTA u pajjiżi terzi mad-deċizzjoni tal-Kummissjoni meta jinkorpora din tal-aħħar fil-Ftehim taż-ŻEE."

- (d) Fl-Artikolu 3d(4), it-tieni sottoparagrafu għandu jithassar.

- (e) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jizzied fl-Artikolu 3e(2) u 3f(4):

"Sa l-istess data, l-Istati tal-EFTA għandhom jissottomettu l-applikazzjonijiet li jirċievu lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, li għandha tgħaddihom mill-ewwel lill-Kummissjoni."

- (f) Is-sottoparagrafi segwenti għandhom jizziedu fl-Artikolu 3e(3):

"Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim u fuq il-bażi taċ-ċifri provduti mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA f'kooperazzjoni mal-Eurocontrol, jiddeċiedi dwar in-numru għaż-ŻEE kollha għat-total tan-numru ta' kwoti, in-numru ta' kwoti li jridu jiġu irkantati, in-numru ta' kwoti fir-riżerva speċjali u n-numru ta' kwoti b'xejn, billi jżid in-numri rilevanti rigward it-titjiriet fi ħdan u bejn it-territorji tal-Istati tal-EFTA u titjiriet bejn l-Istati tal-EFTA u pajjiżi terzi mad-deċizzjoni tal-Kummissjoni meta jinkorpora din tal-aħħar fil-Ftehim taż-ŻEE.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-valur referenzjarju madwar iż-ŻEE. Matul il-proċess ta' teħid tad-deċizzjonijiet il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-kalkolazzjoni u l-pubblikazzjoni mill-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 3e(4) għandhom iseħħu sussegwentement għad-deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-deċizzjoni adottata mill-Kummissjoni fil-Ftehim taż-ŻEE."

- (g) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jizzied fl-Artikolu 3f(5):

"Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-valur referenzjarju madwar iż-ŻEE. Matul il-proċess ta' teħid tad-deċizzjonijiet il-Kummissjoni għandha tikkoopera mill-qrib mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Il-kalkolu u l-pubblikazzjoni mill-Istati tal-EFTA taħt l-Artikolu 3f(7) għandhom isiru sussegwentement għad-deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkorpora d-deċizzjoni adottata mill-Kummissjoni fil-Ftehim taż-ŻEE."

- (h) Il-paragrafi li ġejjin għandhom ikunu mdaħħla fl-Artikolu 9:

“Iż-żieda fil-medja tal-kwantità globali annwali ta’ kwoti fl-EU ETS minħabba l-estensjoni tal-iskema biex tkopri l-Liechtenstein u n-Norveġja skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu skont id-deċiżjonijiet tal-awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA dwar il-pjanijiet nazzjonali ta’ allokkazzjoni tagħhom għall-perjodu mill-2008 sal-2012.

Iż-żieda fil-medja tal-kwantità globali annwali ta’ kwoti fl-EU ETS minħabba l-estensjoni tal-iskema biex tkopri l-Islanda skont il-paragrafu 1 għandha tikkorrispondi għal 23 934 tunnellata ta’ ekwivalenti ta’ CO₂.

Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-figuri li għandhom jitqiesu għall-kalkolu tal-kwantità tal-kwoti fiż-ŻEE li għandhom jinħarġu mill-2013 ‘il quddiem skont dan l-Artikolu huma stabbiliti fil-Parti A tal-Appendiċi.”

- (i) Is-sentenza li ġejja għandha tiżdied fl-Artikolu 9a(1):

“Għan-Norveġja, il-medja tal-kwantità annwali ta’ kwoti maħruġa fir-rigward tal-installazzjonijiet imsemmija f’ dan il-paragrafu hija 878 850.”

- (j) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jizdied fl-Artikolu 9a(2):

“Fir-rigward tal-installazzjonijiet fl-Istati tal-EFTA li jwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness I li huma inklużi biss fl-iskema Komunitarja mill-2013 ‘il quddiem, il-medja tal-emissjonijiet annwali tal-perjodu rapportat għall-aġġustament għandha tkun:

L-Islanda: 1 862 571 tunnellata ta’ ekwivalenti ta’ CO₂.

Il-Liechtenstein: 0 tunnellati ta’ ekwivalenti ta’ CO₂.

In-Norveġja 5 269 254 tunnellata ta’ ekwivalenti ta’ CO₂.

- (k) Il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-Artikolu 9a(4):

“5. Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-figuri li għandhom jitqiesu għall-aġġustament tal-kwantità tal-kwoti fiż-ŻEE li għandhom jinħarġu mill-2013 ‘il quddiem skont dan l-Artikolu huma stabbiliti fil-Parti A tal-Appendiċi.

6. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula u taġġusta l-kwantità ta’ kwoti annwali fiż-ŻEE li jinħarġu mill-2013 ‘il quddiem skont l-Artikolu 9 u dan l-Artikolu sabiex jiġu inklużi ċ-ċifri tal-Istati tal-EFTA kif stabbiliti fil-Parti A tal-Appendiċi. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantitajiet tal-kwoti aġġustati fiż-ŻEE għall-2013 u ‘l quddiem.”

- (l) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 10(2):

“Għall-finijiet tal-punt (a), fir-rigward tal-Liechtenstein u n-Norveġja, l-ishma tagħhom għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta’ dawn l-emissjonijiet:

Il-Liechtenstein: 20 943 tunnellata ta’ ekwivalenti ta’ CO₂.

In-Norveġja 18 635 669 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂.

Fir-rigward tal-Islanda, is-sehem imsemmi fil-punt (a) għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' 36 196 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ aġġustati bi 899 645 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂, li jirrappreżentaw is-sehem tal-emissjonijiet verifikati għall-2005 minn installazzjonijiet li jwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Anness I, li huma inklużi biss fl-iskema Komunitarja mill-2013 'il quddiem. Għalhekk is-sehem tal-Islanda għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' 935 841 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ . ”

(m) L-Artikolu 10(3) m'għandux japplika fl-istati EFTA.

(n) Is-subparagrafu li ġej għandu jizzied wara l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 11a(8):

"Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, iċ-ċifri li għandhom jitqiesu għall-kalkolu tat-tnaqqis fiż-ŻEE skont il-ħames subparagrafu qed jiġu stabbiliti fil-Parti B tal-Appendiċi."

(o) It-tieni sentenza tal-Artikolu 16(3) għandha tkun mibdula b'dan li ġej:

"L-Istati tal-EFTA għandhom jipprovdu għal multi għal emissjonijiet eċċessivi li huma ekwivalenti għal dawk tal-Istati Membri tal-UE."

(p) Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 16(12):

"13. L-Istati tal-EFTA għandhom jissottomettu kwalunkwe talba skont l-Artikolu 16(5) u (10) lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, li għandha tgħaddihom mill-ewwel lill-Kummissjoni."

(q) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jizzied fl-Artikolu 18a(1):

"Ir-riallokazzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru lejn l-Istati tal-EFTA, għandha sseħħ matul is-sena 2011, wara li l-operatur jissodisfa l-obbligi tiegħu għall-2010. Skeda differenti għar-riallokazzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru inizjalment assenjata lil Stat Membru fuq il-bażi tal-kriterji msemmija taħt (b), jistgħu jiġu maqbula mill-Istat Membru amministratur inizjali, wara talba espliċita introdotta mill-operatur fi żmien 6 xhur mill-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' lista ta' operaturi madwar iż-ŻEE li hemm provvediment għaliha taħt l-Artikolu 18a(3)(b). F'dan il-każ, ir-riallokazzjoni għandha sseħħ mhux aktar tard mill-2020 fir-rigward tal-perjodu ta' skambju li jibda fl-2021."

(r) Fl-Artikolu 18a(3)(b), il-kliem "għaż-ŻEE kollha" għandhom jiddaħħlu wara "operaturi tal-inġenji tal-ajru".

(s) Is-sottoparagrafu li ġej għandu jizzied fl-Artikolu 18b:

"Għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont id-Direttiva, l-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jistgħu jitolbu l-assistenza tal-Eurocontrol jew ta' organizzazzjoni rilevanti oħra u jistgħu jikkonkludu għal dak il-għan kwalunkwe ftehim xieraq ma' dawk l-organizzazzjonijiet."

(t) Fl-Artikolu 20 għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. Il-kwistjoni, trasferiment u kanċellazzjoni ta' kwoti li jikkonċernaw l-Istati tal-EFTA, l-operaturi tagħhom u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru amministrati minnhom, tiġi rreġistrata fir-reġistru indipendenti ta' tranżazzjonijiet imsemmi fil-paragrafu 1.

L-Amministratur Ċentrali ser ikun kompetenti biex iwettaq il-kompiti msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 fejn jidħlu l-Istati tal-EFTA, l-operaturi tagħhom jew l-operaturi tal-ajruplani li huma amministrati minnhom.”

(u) Fl-Artikolu 25 għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

“3. L-iskambji ta' kwoti tas-sistema tal-Komunità tinkludi l-iskambji maħruġa mill-istati tal-EFTA jew mill-operaturi tagħhom taħt is-sistema Komunitarja. Malli jkun konkluż ftehim mill-Komunità msemmi f'dan l-Artikolu, ma għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn dawn l-iskambji.

Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Istati tal-EFTA informati fi stadju bikri fir-rigward tan-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet jew arranġamenti mhux vinkolanti skont dan l-Artikolu.”

(v) L-Istati tal-EFTA li jieħdu sehem fl-Iskema ta' Skambji ta' Emissjonijiet tal-UE ser jipprovdu l-informazzjoni skont il-ħtiġiet rilevanti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(3), filwaqt li ħtiġiet tar-rapportaġġ taħt it-tieni subparagrafu m'għandhomx japplikaw għalihom.

(w) Dan li ġej għandu jiżdied wara l-Anness V:

"APPENDIĊI

PARTI A

Iċ-ċifri tal-Istati tal-EFTA rilevanti għall-kalkolu u l-aġġustament tal-kwantità tal-kwoti taż-ŻEE li għandhom jinħarġu mill-2013 'il quddiem skont l-Artikoli 9 u 9a tad-Direttiva 2003/87/KE

1. Iċ-ċifri tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 9

Biex jiġu ddeterminati dawn iċ-ċifri, ġie applikat il-fattur lineari ta' 1.74% .

L-Islanda

Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq il-medja annwali ta' emissjonijiet verifikati mill-2005 sal-2010 minn attivitajiet li jaqgħu fil-prinċipju taħt id-Direttiva 2003/87/KE matul il-perjodu mill-2008 sal-2012 ekwivalenti għal 23 934 kwota.

Sena	Ammont ta' kwoti
2013	22 684
2014	22 268
2015	21 851
2016	21 435
2017	21 018
2018	20 602
2019	20 186
2020	19 769

Il-Liechtenstein

Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq medja tal-kwantità totali annwali tal-kwoti mil-Liechtenstein għall-perjodu mill-2008 sal-2012 korrispondenti għal 17 943 kwota kif stabbilit mill-Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni tal-Liechtenstein.

Sena	Ammont ta' kwoti
2013	17 006
2014	16 694

2015	16 382
2016	16 070
2017	15 758
2018	15 445
2019	15 133
2020	14 821

In-Norveġja

Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq medja tal-kwanità totali annwali tal-kwoti min-Norveġja għall-perjodu mill-2008 sal-2012 korrispondenti għal 14 255 268 kwota kif stabbilit mill-Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni tan-Norveġja.

Sena	Ammont ta' kwoti
2013	13 511 143
2014	13 263 101
2015	13 015 060
2016	12 767 018
2017	12 518 976
2018	12 270 935
2019	12 022 893
2020	11 774 851

2. Iċ-ċifri tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 9a (1)

Biex jiġu ddeterminati dawn iċ-ċifri, ġie applikat il-fattur lineari ta' 1.74% .

Norveġja

Sena	Ammont ta' kwoti
2013	832 974
2014	817 682

2015	802 390
2016	787 098
2017	771 806
2018	756 514
2019	741 222
2020	725 930

3. Iċ-ċifri tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 9a (2)

Biex jiġu ddeterminati dawn iċ-ċifri, ġie applikat il-fattur lineari ta' 1.74% .

L-Islanda

Sena	Ammont ta' kwoti
2013	1 732 936
2014	1 700 527
2015	1 668 119
2016	1 635 710
2017	1 603 301
2018	1 570 892
2019	1 538 484
2020	1 506 075

In-Norveġja

Sena	Ammont ta' kwoti
2013	4 994 199
2014	4 902 514
2015	4 810 829
2016	4 719 144

2017	4 627 459
2018	4 535 774
2019	4 444 089
2020	4 352 404

PARTI B

Iċ-ċifri tal-Istati tal-EFTA rilevanti għall-kalkolu ta' t-tnaqqis fiż-ŻEE skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 11a (8)

	Emissjonijiet fl-2005 minn setturi eżistenti (f'tunnellati ekwivalenti ta' CO ₂)	Emissjonijiet fl-2005 minn setturi ġodda inklużi mill-2013 (f'tunnellati ekwivalenti ta' CO ₂)
L-Islanda	36 196	899 645
Il-Liechtenstein	18 121	0
In-Norveġja	19 730 000	6 140 000

”

3. Il-punti li ġejjin għandhom jidħlu wara l-punt 21al (id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

‘21ala.**32010 R 1031**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità, (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1), kif emendata bi:

- **32011 R 1210**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1210/2011 tat-23 ta' Novembru 2011 (ĠU L 308, 24.11.2011, p. 2).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) L-ewwel sentenza fl-Artikolu 22(7) għandha taqra kif ġej:

“L-Istati tal-EFTA għandhom jinnotifikaw l-identità tal-irkantatur u d-dettalji tiegħu lill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA, li se jgħaddu l-informazzjoni lill-Kummissjoni.”

- (b) Is-sentenzi li ġejjin għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 24(2):

L-Istati EFTA għandhom jikkuntrattaw lis-sorveljatur tal-irkant maħtur wara proċedura ta' akkwisti konġunta bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jissorveljaw il-proċessi kollha tal-irkant. Fl-Artikolu 25(1), (2), (3), (4) u (5), it-terminu 'Stat(i) Membru/i' għandu jinftehem li jinkludi l-Istati tal-EFTA.”

- (c) Is-sottoparagrafu segwenti għandu jiżdied fl-Artikolu 26(1) u (2):

“L-Istati tal-EFTA għandhom jikkuntrattaw il-pjattaforma tal-irkant appuntata konġuntament mill-Kummissjoni u l-Istati Membri parteċipanti tal-UE għall-bejgħ bl-irkant tal-ishma tagħhom tal-kwoti li se jkunu rkantati fejn l-Istati tal-EFTA jagħżlu li jaggregaw l-irkant tal-kwoti tagħhom mal-kwoti tal-Istati Membri tal-UE li pparteċipaw fl-azzjoni konġunta.

(d) Is-sentenza li ġejja għandha tiżdied fl-Artikolu 27(1) u l-Artikolu 28(1):

“Mingħajr ħsara għall-arranġamenti fil-kuntratt li jrid jiġi konkluż bejn l-Istati tal-EFTA u l-pjattaforma tal-irkant, il-pjattaforma tal-irkant maħtura wara proċedura ta’ akkwist konġunta bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw f’azzjoni konġunta tista’ tipprovdi s-servizzi msemmija hawn fuq ukoll għall-Istati tal-EFTA.”

(e) L-Artikoli 30 sa 32 m’għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA, sakemm huma jkunu kkuntrattaw il-pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26 skont l-addattament (c) hawn fuq.

(f) Is-sottoparagrafi segwenti għandhom jiżdiedu fl-Artikolu 52(3):

“Is-sehem mill-ispejjeż tas-sorveljatur tal-irkant b’rabta ma’ pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 26(1) jew (2) u kkuntrattat mill-Istati tal-EFTA għandu jkun distribwit bejn l-Istati Membri parteċipanti fl-azzjoni konġunta u l-Istati tal-EFTA skont l-ishma tagħhom tal-volum totali tal-kwoti għall-irkant fuq il-pjattaforma tal-irkant ikkonċernata sakemm l-Istati tal-EFTA jaggregaw l-irkantar tal-kwoti tagħhom mal-kwoti tal-Istati Membri tal-UE li pparteċipaw fl-azzjoni konġunta.

Is-sehem mill-ispejjeż tas-sorveljatur tal-irkant b’rabta ma’ pjattaforma tal-irkant maħtura skont l-Artikolu 30(1) jew (2) u kkuntrattat mill-Istati tal-EFTA, inkluż l-ispejjaż ta’ kull rapport mitlub skont l-Artikolu 25(4), għandu jiġi hawn fuq mill-Istati tal-EFTA kkonċernat bl-istess mod bħal Stati Membri tal-UE li mhux qed jipparteċipaw fl-azzjoni konġunta.”

21al**32010 D 0002**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/2/UE tal-24 ta’ Diċembru 2009 li tiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, lista ta’ setturi u subsetturi meqjusa li huma esposti għal riskju sinifikanti ta’ rilaxx tal-karbonju (ĠU L 1, 5.1.2010, p. 10), kif emendata bi:

- **32011 D 0745**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/745/UE tal-11 ta’ Novembru 2011 (ĠU L 299, 17.11.2011, p. 9)."

21alc**32011 D 0278**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta’ April 2011 li tiddetermina regoli tranżizzjonali li japplikaw fl-UE kollha għal allokazzjoni b’xejn u armonizzata tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, 17.5.2011, p. 1), kif emendata bi:

- **32011 D 0745**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/745/UE tal-11 ta’ Novembru 2011 (ĠU L 299, 17.11.2011, p. 9)."

21ald.**32010 D 0670**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE tat-3 ta' Novembru 2010 li tistabbilixxi l-kriterji u l-miżuri għall-finanzjament ta' proġetti kummerċjali ta' dimostrazzjoni li l-għan tagħhom huwa l-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ta' CO₂, f'kundizzjonijiet ta' sigurtà għall-ambjent, kif ukoll ta' proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, fl-ambitu tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 290, 6.11.2010. p. 39).

21ale.**32011 R 0550**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 550/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jiddetermina, skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ċertu restrizzjonijiet applikabbli għall-użu ta' krediti internazzjonali minn proġetti li jinvolvu gassijiet industrijali (ĠU L 149, 8.6.2011, p. 1).'

4. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt 21am (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/589/KE):

- ‘ - **32010 D 0345**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/345/UE tat-8 ta' Ġunju 2010 (ĠU L 155, 22.6.2010, p. 34).
- **32011 D 0540**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/540/UE tat-18 ta' Awwissu 2011 (ĠU L 244, 21.9.2011, p. 1).'

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 1031/2010, (UE) Nru 550/2011 u (UE) Nru 1210/2011, id-Direttiva 2009/29/KE u d-Deċiżjonijiet 2010/2/UE, 2010/345/UE, 2010/670/UE, 2011/278/UE, 2011/540/UE u 2011/745/UE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ [...] jew il-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim, skont liema data tkun l-aktar tard¹⁵.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

¹⁵ [Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

Il-President

*Is-Segretarji
tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*